MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2013

Talba Numru. 1397/2010

**John Farrugia ID 473970M**

**vs**

**Kevin Amato ID 337173 u martu Claire Amato ID 125173M**
**ghal kull interess li jista jkollha**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li l-attur rressaq talba biex il-konvenuti jigu kundannati jhallsuh elf, sitt mija, tnejn u sittin Ewro (€1,662.00c) rapprezentanti 50 fil-mija (50%) kummissjoni fuq qliegh relativ ghax-xhur ta’ April/Mejju/Gunju 2010 dwar garr ta’ turisti. Dana skond ftehim bejn il-kontendenti dwar xoghol moghti mill-attur lill-konvenut.

**Ra** r-Risposta li fiha l-konvenuti qalu li t-talba hi nfondata fil-fatt u fid-dritt billi:

Claire Amato qatt ma kellha relazzjoni guridika mal-attur billi l-ftehim imsemmi sata sar biss ma Kevin Amato.

Il-ftehim sata sar fil-kors tan-negozju ta’ Kevin Amato u allura ma kienx hemm htiega tal-intervent ta’ martu.

L-ammont mitlub mill-attur mhux dovut.

**Ra** l-Kontro-Talba ta’ Kevin Amato li l-attur hu debitur tal-konvenut rikonvenzjonant ghas-somma ta’ erba’ mija tmienja u tmenin Ewro u hamsin centezmi (€488.50c) maghmula minn €250 *business cards,* €120 sehmu mid-diesel u €118.50 vjaggi tat-taxi – kollha mhux imhallsa mill-attur rikonvenzjonat skond ftehim bejnu u bejn Kevin Amato.

**Ra** li fl-udjenza tat-8 ta’ Frar 2012 (*a fol* 25) Dr. Owen Bonnici ghall-attur irrileva li l-kontro-talba konvenuta hija ammessa.

**Ra** li b’Rikors prezentat fil-15 ta’ Frar 2012 l-attur talab li l-*qunatum* mitlub fl-AVVIZ jizdied ghal elfejn, mitejn, wiehed u ghoxrin Ewro hamsa u ghoxrin centezmi (€2,221.25c) minhabba zball genwin meta gie prezentat l-AVVIZ u ra wkoll ir-Risposta tal-Intimati (*a fol* 31)

**Ra** li b’degriet tat-28 ta’ Mejju 2012 it-talba ghal korrezzjoni fil-*quantum* mitlub fl-AVVIZ giet michuda (*a fol* 33)

**Ra** li b’Nota prezentata fl-1 ta’ Novembru 2012 l-attur ceda l-atti tal-kawza (*a fol* 37)

**DECIZJONI**

It-TRIBUNAL jiddeciedi billi (i) **jastjeni** milli jiehu konjizzjoni tat-TALBA stante cessjoni da parti tal-attur, (2) wara li jiehu konjizzjoni tal-ammissjoni tal-attur ghall-kontro-talba tal-konvenut **jikkundanna** lill-attur biex ihallas lill-konvenut il-*quantum* ammess ta’ erba’ mija tmienja u tmenin Ewro u hamsin centezmi (€488.50c) u

(3) **jiddeciedi** li, fic-cirkostanzi l-kawza tibqa bla taxxa bejn il-kontendenti (4) l-imghax jidekkorri mill-llum sa data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------